MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 654/2012

**The Meat Factory Limited**
**C-43525**

**vs**

**Port Cottonera Hotel Development Co. Limited**
**C-27956**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€869.55c) mitluba mis-socjeta' attrici li tirraprezenta bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta' konvenuta, li minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex twettaq il-hlas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, flimkien mal-imghax kummercjali mis-26 ta' Dicembru, 2011, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja sad-

data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li d-diretturi taghha huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija disgha u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€869.55c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------